MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2014

Numru. 187/2006

**Il-Pulizija**

**(Spettur Priscilla Caruana)**

**vs.**

**Francis Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Francis Zahra ta’ 35 sena, bin Leonard u Clementina nee’ Iguanez, imwieled Birzebbugia fit-22 ta’ Settembru 1970 u residenti Silver, Triq il-Bzulija, B’Bugia, detentur tal-karta tal-identita numru 386570(M).

1. Akkuzat talli fil-lejl tat-22 u 23 ta’ Frar, 2006, f’Birzebbugia kkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Kathleen Farrugia skond kif iccertifika Dr. A. Mirna MD tal-Isptar San Luqa;
2. Akkuzat ukoll talli fil-lejl tat-22 u 23 ta’ Frar, 2006 f’Birzebbugia hedded lill-imsemmija Kathleen Farrugia bi kliem u talli qal kliem oxxen li jikkonsisti f’dagha fil-pubbliku;
3. Akkuzat ukoll talli fil-lejl tat-22 u 23 ta’ Frar, 2006 f’dawn il-gzejjer ghamel uzu hazin minn sistema jew apparat ta’ telekomunikazzjonijiet (mobile no 99808442), provdut minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma kienx dak li ghalih gie provdut billi hedded u nsulta lil Kathleen Farrugia u talli qal kliem oxxen li jikkonsisti f’dagha u kliem iehor;
4. Akkuzat ukoll talli huwa recidiv b’sentenza li saret definittiva.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, datata 22 ta’ Marzu, 2006, fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

(a) Fl-artikoli 214, 216(1)(a)(i)(ii)(iii)(iv), (b), (c), (d) tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-artikoli 338(bb), 342, 48, 49 tal-Kodici Kriminali;
(c) Fl-artikoli 35(1)(d) tal-Kap 399.

Rat li waqt l-udjenza tat-12 ta’ Jannar, 2011, l-imputat iddikjara li huwa m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Fatti**

Dan huwa kaz fejn l-imputat beda jaghti lil zaghzugha Kathleen Farrugia. Waqt il-gbir tal-provi saret hafna enfasi mid-difiza jekk din iz-zaghzugha kienetx it-tfajla tieghu jew semplicement habiba, pero frankament ghad-determinazzjoni tal-kaz *de quo*, fl-opinjoni tal-Qorti huwa rrelevanti jekk Kathleen Farrugia kienet it-tfajla tal-imputat jew kienitx semplicement habiba tieghu.

Il-fatti saljenti ghal fini tal-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma s-segwenti:

1. Fit-23 ta' Frar 2006, ghal habta tal-kwarta ta' fil-ghodu, cemplet oht l-imputat, Charmaine Zahra l-Ghassa ta' B'Bugia, u infurmat lill-Pulizija li fir-residenza taghha kien hemm argument bejn huha, l-imputat, u t-tfajla tieghu, u li huwa kien sawwat lil din it-tfajla, tant li din inqaflet fil-kamra tal-banju.
2. Meta l-pulizija marru fuq il-post, sabu lill-familjari tal-imputat qed izommuh ghax deher aggressiv u PS643 Jerry Attard xehed li hu tela' fuq u sab lil Kathleen Farrugia fil-kamra tal-banju u qalilha biex tohrog ha jehodha l-ghassa maghhom. Huma u nizlin it-tarag, l-imputat, ghalkemm mizmum mill-Pulizija, beda jhedded lil Kathleen biex ma ggibux fl-inkwiet u ddahhlu l-Qorti ghax inkellha ipattihilha, u lill-familja taghha.[1]
3. Kathleen kienet imwerwra, tibki, u kellha tbengilha f'ghajnejha u demm ma idejha u halqha. Kellha anki xi tbengil fuq ghonqha.[2]
4. L-imputat ma kienx fis-sakra, imma kien aggressiv u anke beda jidghi.[3]
5. Waqt li Kathleen kienet l-ghassa, l-imputat mar ifittixxha l-ghassa, izda l-Pulizija hbewha go kamra u qalulu li ma kienitx hemm.
6. Waqt li kienet qed taghmel ir-rapport l-ghassa, l-imputat cempel lil Kathleen xi tlett darbiet fuq il-mobile taghha, u PS 853 Frankie Sciberras, li ghamel widnejh mal-mobile, semghu jheddidha biex ma ddahhlux fl-inkwiet.[4]
7. Imbaghad il-Pulizija haduha r-residenza taghha Hal-Ghaxaq u kellmu lil missierha. Hemmhekk, Kathleen regghet bdiet tircievi diversi telefonati fuq il-mobile minghand l-

---

[1] Ara xhieda ta' PS 645 Jerry Attard a fol. 28 tal-process, u xhieda ta' PS 853 Frankie Sciberras a fol. 38 tal-process.
[2] Ara xhieda ta' PS 645 Jerry Attard a fol. 29 tal-process, u xhieda ta' PS 853 Frankie Sciberras a fol. 39 tal-process.
[3] Ara xhieda ta' PS 853 Frankie Sciberras a fol. 40 tal-process.
[4] Ara xhieda ta' PS 853 Frankie Sciberras a fol. 41-42 tal-process.

imputat u l-mobile hadu PS 853 Frankie Sciberras li beda jisma' lill-imputat isaqsiha fejn qieghda u jheddidha biex ma ggibuhx fl-inkwiet, jinsulenta lill-familja taghha u jghid dagha fahxi. F'telefonata ohra li ghamel l-imputat u l-mobile rega' hadu ukoll PS 853 li beda jkellem lill-imputat, u l-imputat baqa' jkellmu ghax hasbu missier Kathleen, u l-imputat beda jghid joffendi lil Kathleen u jghid kliem fahxi u jheddidhom.[5]

8. Eventwalment l-imputat mar id-dar ta' Kathleen f'Hal-Ghaxaq, fejn sab lil Pulizija jistennewh u arrestawh.

Il-fatti fuq elenkati huma mehuda mix-xhieda tal-Pulizija li kienu involuti, u ghalhekk huma xhieda indipendenti u din l-Qorti ma ghandhiex raguni ghalfejn tiddubita mill-veracita tax-xhieda taghha.

Il-vittma u l-imputat taw verzjonijiet differenti kif il-vittma spiccat id-dar tal-imputat.

Il-vittma, li ghandha ghoxrin (20) sena, xehdet li hi kienet f'bar B'Bugia ma' habibha taghha Edith. L-imputat, li kien habib taghha, mar hdejhom jixrob u jghidilha li jhobbha. Meta l-vittma harget mill-bar, l-imputat baqa' jigri warajha u jheddidha li jekk ma titlax mieghu fil-karozza, ipattihielha u lill-familja taghha, ghax hu kien il-habs u ma kienx jibza' mill-pulizija. Minhabba l-biza li qabadha, telghet mieghu fil-karozza u hadha d-dar tieghu. Wara ftit tal-hin, beda jghidilha li jhobbha u jrid johrog maghha, u mbaghad qabad itiha bil-ponn f'wiccha, f'ghajnejha, jigbdilha xagharha u jigdmilha idejha t-tnejn. Imbaghad intervenew il-familjari tieghu, li bdew izommuh, u ohtu dahhlitha fil-kamra tal-banju biex tlahalilha wicca. Peress li l-imputat kien ghadu aggressiv, hija ssakkret fil-kamra tal-banju, sakemm gew il-Pulizija.[6]

L-imputat xehed li kien ilu johrog mal-vittma xi sitt (6) xhur qabel l-incident, pero lejn l-ahhar gimghat beda jissuspetta li kienet qed tkellem lil guvni iehor. Dak in-nhar tal-incident, kienu xorbu flixkun inbid bejniethom f'bar, u imbaghad marru, bil-volonta taghha, d-dar tieghu, u kienu fil-kamra tieghu. Ghal xi raguni, harget mill-kamra, u irceviet messagg fuq il-mobile li kienet hallietu warajha. Hu kien qabad il-mobile biex jara l-messagg, pero l-vittma giet tigri, haditlu l-*mobile* minn idejh, qaltlu biex ma jindahalx u xejritlu daqqa' idejha go wiccu u bic-crieket kissritlu sinna. Imbaghad skont l-imputat, l-argument baqa' sejjer minn hemm.[7] L-imputat issospenda d-deposizzjoni tieghu

---

[5] Ara xhieda ta' PS 853 Frankie Sciberras a fol. 43-44 tal-process.
[6] Ara xhieda ta' Kathleen Farrugia a fol. 48-52 tal-process.
[7] Ara xhieda tal-imputat a fol. 139 *et seq.* tal-process.

f’dan l-istadju, minghajr ebda oggezzjoni tal-Prosekuzzjoni u fis-seduta ta’ wara, id-difiza iddikjarat li qed tghalaq il-provi taghha.[8]

Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid ukoll li hu kien ilu johrog mal-vittma xi hames xhur, u jghid li nqala argument fid-dar ta’ ommu ghax qaltlu biex ma jibqghux jiltaqghu ta’ spiss, u li ma jafx iktar x’gara ghax kien xorob flixkun inbid, pero fl-ahhar tal-istqarrija l-imputat jghid li ghalkemm kien xorob imma ma kienx “mormi”[9]. Kif intqal aktar il-fuq, il-pulizija xehdu li l-imputat ma kienx fis-sakra.

Fl-istqarrija tieghu, l-imputat imkien ma jsemmi li l-vittma kienet qabel tatu daqqa fuq wiccu u kisritlu sinna, u lanqas qal dan id-diskors lil xi hadd mill-pulizija meta marru d-dar jew kellimhom fuq it-telefon, ghalkemm kellu kull opportunita li jaghmel dan. Inoltre, l-imputat ma pprova bl-ebda mod iehor f’dawn il-proceduri, li kellu sinna miksura. Ghaldaqstant, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-allegazzjoni li qabel l-incident *de quo*, il-vittma tatu daqqa fuq wiccu u kisritlu sinna inveritiera.

Il-Qorti issa ser tikkunsidra l-imputazzjonijiet wahda wahda.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

*L-Ewwel Imputazzjoni*

L-ewwel imputazzjoni hi li l-imputat ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Kathleen Farrugia skont kif iccertifika Dr. A Mirna MD tal-Isptar San Luqa.

---

[8] Ara verbal tas-seduta tal-11 ta’ Mejju 2011 a fol. 151 tal-process.
[9] Ara stqarrija tal-imputat a fol. 22 *et seq.* tal-process.

Dan ic-certifikat fil-fatt jinsab ezebit fil-process,[10] pero sfortuntament, il-Prosekuzzjoni qatt ma tellghet lit-tabib li irrilaxxah sabiex jikkonfermah bil-gurament, u ghaldaqstant, din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni tieghu. Inoltre ma ngiebet l-ebda forma ta' prova ohra li l-feriti li gew kagunati lill-vittma ghandhom jitqiesu gravi, ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali.

Pero' mix-xhieda tal-vittma u tal-Pulizija kif deskritta iktar il-fuq, il-Qorti m'ghandhiex dubbju li l-imputat ikkaguna ghall-inqas feriti ta' natura hafifa lill-vittma. Dan huwa kkonfermat ukoll mir-ritratti li gew ezebiti minn WPC 148 Denise Camilleri li hadet sittax-il ritratt tal-vittma,[11] liema ritratti gew konfermati mill-vittma.[12]

Ghaldaqstant, il-Qorti filwaqt li ma issibx lill-imputat hati li ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq Kathleen Farrugia, izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 467(4) rez applikabbli ghal din il-Qorti bl-Artikolu 525(3) tal-Kodici Kriminali, qed issib lill-imputat hati biss tar-reat kompriz u involut li ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-istess Kathleen Farrugia.

*__It-Tieni Imputazzjoni__*

It-tieni imputazzjoni hija li l-imputat hedded lil Kathleen Farrugia bi kliem u talli qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku.

Din l-imputazzjoni tinsab ampjament pruvata mix-xhieda ta' Kathleen Farrugia u dik ta' PS 645 Jerry Attard u PS 853 Frankie Sciberras.

*__It-Tielet Imputazzjoni__*

[10] Ara Dok. WS1 a fol 19 *et seq.* tal-process.
[11] Ara xhieda ta' WPC 148 Denise Camilleri a fol. 103 tal-process u r-ritratti ezebiti a fol. 105 tal-process.
[12] Ara xhieda ta' Kathleen Farrugia a fol. 106 tal-process.

It-tielet imputazzjoni hi li ghamel uzu hazin ta' mobile, provdut minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma kienx dak li ghalih gie provdut, billi hedded u insulta lil Kathleen Farrugia u talli qal kliem oxen li jikkonsisti f'dagha u kliem iehor.

Din l-imputazzjoni tinsab ampjament pruvata mix-xhieda ta' Kathleen Farrugia u dik ta' PS 645 Jerry Attard u PS 853 Frankie Sciberras.

*Ir-Raba' Imputazzjoni*

Din l-imputazzjoni hija li l-imputat huwa recidiv b'sentenza li saret definittiva.

Ghalkemm giet ezebita l-fedina penali, pjuttost raffrettarja tal-imputat, il-Prosekuzzjoni ma ezebiet l-ebda sentenza sabiex tipprova r-recidiva. Kif inhuwa risaput, sabiex tigi ppruvata r-recidiva, l-fedina penali mhix sufficjenti, imma jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li tipprezenta formalment is-sentenza jew sentenzi relevanti.

Fil-kaz odjern, il-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi bla ma pprezentat xi sentenza u ghalhekk ma hemmx prova ta' din l-imputazzjoni.

*L-Artikolu 48 tal-Kodici Kriminali*

Fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju, l-Avukat Generali nizzel ukoll l-Artikolu 48 bhala Artikolu li tahtu tista' tinstab htija tal-imputat.

L-Artikolu 48 tal-Kodici Kriminali jippreskrivi illi *"Id-disposizzjonijiet taħt dan it-Titolu jgħoddu wkoll għall-kontravvenzjonijiet."* It-Titolu in kwistjoni huwa it-Titolu IV li jitkellem fuq il-komplicita'. Issa fil-fattispecje tal-kaz odjern, ma hemm l-ebda kwistjoni ta' komplicita'.

Ghaldaqstant, l-imputat ma jistghax jinstab hati tar-reat kontemplat fl-Artikolu 48 tal-Kodici Kriminali.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li mill-provi jirrizulta li l-imputat ma kkoperax mal-pulizija, u mill-fedina penali tieghu jirrizulta illi huwa ghandu karattru pjuttost vjolenti.

Fil-fatt mill-fedina penali tieghu, jirrizulta li huwa ghandu tnejn u ghoxrin (22) kundanna minn dawn il-Qrati, li sitta (6) minnhom jinvolvu theddid u glied.

Fid-determinazzjoni tal-piena, il-Qorti mhix ser tikkonsidra ir-reati li huma kontravenzjonijiet, cioe l-Artikoli 338(bb) u 342 tal-Kodici Kriminali, u dan ai termini tal-Artikolu 17(d) tal-Kodici Kriminali.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 214, 216(1)(a)(i)(ii)(iii)(iv), (b), (c), (d), l-artikoli 338(bb), 342, 48, 49, u 17(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 35(1)(d) (illum l-artikolu 48(1)(d)) tal-Kapitolu 399, fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tar-reati

kontemplati fl-Artikoli 214, 216(1)(a)(i)(ii)(iii)(iv), (b), (c), (d), 48 u 49 tal-Kapitolu 9 u qed tilliberah minnhom, izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 467(4) rez applikabbli ghal din il-Qorti bl-Artikolu 525(3) tal-Kapitolu 9, issib lill-imputat hati tar-reat kompriz u involut li kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-istess Kathleen Farrugia bi ksur tal-Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9, kif ukoll issib lill-imputat hati tar-reati kontemplati fl-Artikoli 338(bb) u 342 tal-Kapitolu 9 u tar-reat kontemplat l-artikolu 35(1)(d) (illum l-artikolu 48(1)(d)) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti qed tikkundanna l-hati ghal multa ta' elfejn Euro (€2000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa u sebghin Euro (€75.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta' Awwissu 2014, b'dan li jekk l-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------